MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2012

Numru. 1246/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR CHRIS PULLICINO**
**VS**
**JOSEPH ABDILLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joseph Abdilla ta’ 29 sena, bin Guilio u Rita’ nee’ Sciberras, mwieled Pieta’ fit- 3 ta’ April 1982, residenti fil-fond Obelix, Triq Dun Guzepp Tanti, Lija u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- nurmu 226482M;

Talli;
1) fid- 29 ta’ Frar 2008, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’ xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement

ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz lill- Pulizija;
2) aktar talli fid- 19 ta’ Frar 2008 u fil- jiem ta’ qabel din id- data, f’ dawn il- Gzejjer, bil- hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il- hlas ta’ flus ta’ sigurta’ kontra r- riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq iddistrugga, xerred l’hawn u l hemm jew gharraq b’ xi mezz li jkun, hwejjeg tieghu;
3) aktar talli fid- 19 ta’ Frar 2008, f’ dawn il- Gzejjer, bil- hsieb li jaghmel delitt wera dan il- hsieb b’ atti esterni u ta bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt billi b’ mezzi kontra l- ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghl jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz jew ta’ hlia, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew bia dwar xi grajja kimerika, ittanta jaghmel qliegh b’ qerq bi hsara ta’ Gasan Mamo Insurance Ltd. ghal spejjeza li jammontaw madwar €9102.52, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta’ tieghu;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni wara li wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Din il-kawza giet ammessa mill-imputat fl-aktar stadju bikri fil-procedura, u din l-istess ammissjoni hija wkoll riflessa fl-istqarrija tieghu esebita fl-atti. Hu qal li kien ghamel rapport falz lill-Pulizija biex jipprova jaghmel “insurance

claim” fuq rapport ta’ hsara fil-vettura tieghu, izda ma lahaq thallas xejn fuq din il-messa in xena. Tenut kont tal-ammissjoni bikrija tieghu, tal-fedina penali ghal kollox netta, u tal-fatt li l-hsara li seta’ kkawza giet minimizzata mill-ewwel, din il-Qorti sejra taghti lill-imputat sanzjoni fil-komunita’ bhala piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 188, 295 , 41 (a) u 308 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------